bihom kollha: imma qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, jridu jinżgħu kull ġibda li tbiegħed minn ħsiebna u jħalluha wara l-bieb ta' barra, għax inkella ma nkunux nistgħu nilqgħuhom, ankas jekk ikunu l-aqwa ħbieb tal-lsien malti u tagħna nfusna."

Issa għaddew disa' snin u bdejna l-għaxar waħda, u dak il-kliem tad-Direttur ta' qbilna seħħ għal kollox; qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref minn "il-Malti"; qatt ma qatt ħadd ma daħal f'darna, li ma kienx jaqbel għawwiġna, ma' fehmitna.

U ħaġa oħra qal is-sur Ġużè Muscat-Azzopardi f"L-Ewwel Kelmiet" li ma hi xejn anqas sabiħa minn ta' qbilha: "Il-ħsieb tagħna hu biss li nxerrdu dejjem iżjed il-qari tajjeb malti, għax hi għarukaża kbira illi lsienna, imfaħħar minn kittieba ta' l-Italja, ta' Franza, ta' l-Ingilterra u tal-Ġermanja, għadna ma nafux niktbuh tajjeb u b'alfabett wieħed."

Ħaġa sabiħa għedt, għaliex il-Malti hu l-lsien tagħna u kull ma hu tagħna għandu jkun għażiż għalina; għandna nfittxu li nżiduh u norqmuh. Xaqqufa tal-fuħħar qadim niġbruha bil-ħrara, ngħożżuha ġol-ħġieġ fil-Mużew, għaliex dik ix-xaqqufa nsabet f'pajjiżna, hi ħaġa tagħna, hi silta, għalkemm ċkejkna, mill-ħajja ta' nisel il-Malti; u kulħadd jifhem li nagħmlu sewwa: għaliex, mela, ma għandniex niġbru, innaddfu, inwettqu u nsebbħu kemm nistgħu lil dan ilsien tagħna, li hu qadim u ġdid f'ħin wieħed, li ma hux imbikkem bħal biċċa fuħħar, iżda jitkellem il-għerf, id-dehen, il-fehma, il-għaqal u t-tieba ta' missirijietna?

U ma rridux ninsew ħaġa li qal u li biha għalaq il-kelmiet ta' qabel l-ewwel Direttur ta' "Il-Malti": "Flaħħarnett nixtieqù ndaħħlu fi rjus l-egħdewwa tagħna—jew, ingħidu aħjar, fi rjus dawk li qatt ma riedu jafu bina—li aħna la nifirħu meta naraw lil xi wħud jinqdew bil-Malti għall-ħsebijiet tal-pulitka tagħhom, u anqas ma rridu, bit-tixrid ta' lsienna, nirfdu lil dawk li jobogħdu t-Taljan: irridu biss, b'fehma safja u sabiħa, nagħmlu kemm nifilħu biex neħelsu mill-għajb li fih jinsab il-lsien

*tas-sbejħa fost is-sbieħ. Art li bennitna!"*

Wara disa' snin u fil-bidu tal-għaxar sena tar-Rivista tagħna, nistgħu ngħiduh aħna wkoll dan il-kliem, għaliex dan baqa' sas-siegħa ta' dan il-ħin il-ħsieb u l-fehma tagħna, u dan baqa' bla mittiefes il-programm ta' "Il-Malti."



# LILL-BAĦAR

## SUNETT

Għaddejt minn fuqek niġri kemm-il-darba,
minn hawn għal hinn, fil-qrib u fil-bgħid sewwa,
biex mort fil-bliet inkella fl-art ta' ġewwa,
xi drabi bi ftit nies, għax wisq imwarrba.

M'hux dejjem kont mistrieħ, xi drabi mħarrba
il-ħalel tiegħek soqt, donnhom egħdewwa,
għal fuqna, u mort turina sħiħ bid-dnewwa
li stajt teqridna l-koll kif konna mxarrba.

Kull meta ndawwar fuqek ħbub għajnejja
u nara lilek biss dejjem titwassa,
ninsa l-bnedmin u kull ma għandi ħdejja.

U jekk il-għoli nqis, tejn ninsab jiena,
u x'għandi taħti, meta nbaħħar, l-għassa
inkattar fuqi, u nibda nitlob ħniena.

Mons. Gauci